**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 684/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**
**vs**
**Shania Taliana**

**Illum 9 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Shania Taliana ta' 19 -il sena bint Charlon u Marita nee' Grima li twieldet ġewwa l-Pieta nhar l-24 ta' Settembru 2002, iddikjarat li tirrisjedi ġewwa l-indirizz Safe Haven, Blk B3, Flat 2, Triq id-Dawr Mosta u detentur tal-karta tal-Identita' 403802L

Akkużata talli nhar is-17 ta' Ottubru 2021 u fil-ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel ġewwa San Ġiljan, San Pawl il-Baħar u diversi postijiet f' dawn il-gżejjer;

1. Ikkagunat lil eks sieħeb tagħha **Darren Cassar Crockford**, fastidju meta ġabet ruħha b'mod li missha kienet taf li kienet qed tkun tali u Ii tati fastidju sar b'mod li jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi u li dan id-delitt twettaq ripetutament.

2. Ikkaġunat lil eks sieħeb tagħha Darren Cassar Crockford, fastidju meta ġabet ruħha b,mod li missha kienet taf li kienet qed tkun tali u li dan id-delitt twettaq ripetutament.

   U talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru I-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda.

3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, heddedt li tagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li ġiegħel lil **Darren Cassar Crockford** jagħmel xi ħaġa jew ghamlet użu ieħor mhux xieraq bih.

4. Insulentat heddedt jew inġurjat bi kliem jew b' mod ieħor lil **Darren Cassar Crockford**.

5. Għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali lil **Darren Cassar Crockford** jew, jekk kienet ipprovokatha, inġurjat b'mod li ħarġet barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

U aktar talli nhar it-22/10/2021 fil-ħinijiet ta' bejn it-15:30hrs u s-17:00hrs ġewwa l-Furjana;

6. Attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx bħala vjolenza pubblika, kontra persuna 'nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe lil **PS 2185 Gillian Henwood, Ps 2256 Lyanne Sant, Pc 2229 Marvyn Spiteri, Pc 2149 Ruth Sammut**, filwaqt li kienu qed jaġixxu jew diga' kienu aġixxew għall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti.

7. Inġurjat jew heddedt, jew għamlet offiża fuq persuna inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe lil Ps 2185 Gillian Henwood, Ps 2256 Lyanne Sant, Pc 2229 Marvyn Spiteri, Pc 2149 Ruth Sammut waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kien qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżża jew li tinfluwenza fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

8. Minghajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' **Pc 2149 Ruth Sammut** f' periklu ċar, volontarjament, ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe, offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna ta' **Ruth Sammut**, hekk kif iċċertifika **Dr. Cedric Demicoli**.

9. Minghajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' **Pc 2158 Gillian Henwood** f' periklu ċar, volontarjament, ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe, offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna ta' **Gillian Henwood**, hekk kif iċċertifika **Dr. Cedric Demicoli**.

10. Minghajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' **Pc 2229 Marvyn Spiteri** f' periklu ċar, volontarjament, ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe, offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna ta' **Marvyn Spiteri**, hekk kif iċċertifika **Dr. Andrew Hall**.

11. Minghajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' **Pc 2256 Lyanne Sant** f' periklu ċar, volontarjament, ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe, offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna ta' **Pc 2256 Lyanne Sant**, hekk kif iċċertifika **Dr. Andrew Hall**.

12. Ma obditx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' uħud li kienu inkarigati minn servizz pubbliku u cioe' **Spt Eman Hayman**, **Ps 2185 Gillian Henwood**, **Ps 2256 Lyanne Sant, Pc 2229 Marvyn Spiteri, Pc2 149 Ruth Sammut** jew ma ħallietx jew fixklet waqt li kienu qed jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlet fi dmirhom, jew billi ġabet fix-xejn jew ħassret dak li ħaddiehor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqa' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra tal-liġi.

II-Qorti hija mitluba wkoll titratta lil **Shanaia Taliana** bħala persuna reċediva meta ġie ssentenzjat mill- Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula u dan bi ksur tal- artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħrog ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Shanaia Taliana** a benefiċċju ta' Darren Cassar Crockford u 'l-familjari tiegħu u dan fit-termini tal- Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f' każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' **Darren Cassar Crockford** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbilku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Shanaia Taliana** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **Shanaia Taliana** b'obbligazzioni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap9 tal-liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat/i għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemlat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekuturi Eman Hayman li qara u kkonferma bil-gurament l-imputazzjonijiet nhar it-23 ta' ottubru 2021;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', rikors għall-ftuħ tal-Qorti , Dok EH1, Dok EH2, Dok EH3, Dok EH4, Dok EH5, minn Dok EH6 sa Dok EH 10, Dok EH11, Dok EH12, Dok DCC1, Dok DCC2, Dok DCC3, Dok DCC 4, Dok EH13, Dok EH14
Semgħet ix-xhieda ta'; l-Ispettur Eman Hayman, Darren Cassar Crockford

Rat li fis-seduta datata 8 ta' Marzu 2022 l-imputata kif debitament assistita irreġistrat ammissjoni u wara li l-Qorti ordnat lill-imputata biex tikkonsulta ma' l-avukat tagħha fuq l-istess ammissjoni u wara tatha żmien biżżejjed biex tikkunsidra l-ammissjoni taghha u spjegat il-portata ta' l-ammissjoni tagħha, hija kkonfermat il-ħtija tagħha;

**Ikkunsidrat:**

**Decide:**

Ssib lill- Imputata ħatja fuq l-ammissjoni ċara u inekwivita tagħha u wara li ħadet in konjizzjoni s-social enquiry report tal- probation għalhekk ma tarax li jkun idoneju li tingħata piena karċerarja effettiva u dan peress li jirriżulta li għalkemm l- imputata għalkemm matul ħajjitha għaddiet minn diffikultajiet kbar b' nuqqas ta' sapport mill-familjari tagħha, qed tagħmel l-almu tagħha biex issib stabbilita f' ħajjitha. Tikkundannha għal sena u xaharejn priġunerija li bl-applikazzjoni ta' A45A tal-Kap 9 qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' tlett snin mil-lum, u għal multa ta' €4000 li għandha titħallas b' rati mensili ta' €112 fix-xahar għal perjodu ta' sitta u tletin xahar jew sakemm is-somma tiġi kollha mħallsa liema waħda tiġi l-ewwel, u tordna li appena jinqabeż ħlas ta' pagament wieħed l-imsemmija multa tiġi dovuta b' mod immedjat.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Dr Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Reġistratur**